**Ruling tal-iSpeaker Michael Frendo għar-rigward ta' rulings mitluba mill-Onorevoli Austin Gatt u l-Onorevoli Evarist Bartolo**

Fis-seduta numru 296 tal-10 ta' Jannar 2011 is-Sedja informat lill-Kamra li kienet irċeviet komunikazzjoni mingħand il-President tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi fejn giet mgħarrfa li f'seduta preċedenti tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi l-Onorevoli Evarist Bartolo u l-Onorevoli Austin Gatt qajmu każ ta' ksur ta' privileġġ dwar reklamar f'ċerti ġurnali ta' siltiet verbatim ta' proċeduri li jinsabu quddiem l-istess Kumitat.

L-Onorevoli Evarist Bartolo fis-seduta tal-Kumitat għamel riferenza għal "sensiela ta' reklami anonimi li qed jidhru fil-ġurnali li huma reklami anonimi mħallsa mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar siltiet selettivi li qed jittieħdu minn skambji ta' affarijiet li jkunu ntqalu hawn ġew, huma selettivi, huma *out of context* u nixtieq niġbidlek l-attenzjoni u nitolbok tiġbed l-attenzjoni ta' Mr Speaker li dan jikkostitwixxi ksur tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati. Qed nirreferi għal parti dwar rapport mgħawweġ ta' xi dibattitu jew proċediment tal-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha. Li taqbad partijiet li jaqbillek minn affarijiet li ntqalu hawn ġew u ma tirrapportax sintendi l-affarijiet li ma jaqbillekx u tagħti l-impressjoni li kważi qed niltaqgħu għal xejn għax ma sar xejn ħażin u ma sar xejn irregolari, naħseb li jikkostitwixxi rappurtaġġ mgħawweġ ta' proċediment tal-kumitat. U nixtieqek tiġbed l-attenzjoni tal-Ispeaker għal dan il-fatt."

Eżatt wara, l-Onorevoli Austin Gatt qajjem Ksur ta' Privileġġ dwar x'deher fil-ħarġa tal-Orizzont tal-Erbgħa ta' qabel fejn, fi kliemu, "kien hemm reklam li veru mhu attribwit lil ħadd, li mhux meħud lanqas mit-*transcripts* ta' din il-Kamra, li huwa invenzjoni totali ta' konklużjonijiet li dak żgur jikkostitwixxi Ksur ta' Privileġġ. U allura notolbok tirreferi lill-iSpeaker anke għal dan ir-reklam."

Is-Sedja rċeviet ukoll mingħand il-President tal-Kumitat in kwistjoni l-Onorevoli Charles Mangion ittra li fiha huwa jagħti l-veduti tiegħu imma jagħmilha ċara li "l-opinjoni espressa personalment, m'hijiex intiża biex b'xi mod is-Sedja tarroga lilha nfisha *ruling* finali fuq iż-żewġ każi ta' ksur ta' privileġġ. Anzi qed nirreferi lilek espliċitament bil-għan li minn naħa tiegħek tingħata wkoll direzzjoni f'dan ir-rigward, liema deċiżjoni jew *ruling* mogħti minnek ikun dak finali u li jiġi trasmess lill-Kumitat."

Qabel ma s-Sedja tikkonsidra s-sustanza tal-allegazzjoni ta' ksur ta' privileġġ taż-żewġ Membri, ħaġa li allura tkun trid tagħmel individwalment għaliex kull każ irid jitqies għalih innifsu, u tikkonsidra wkoll f'dawn il-każi l-kummenti tal-President tal-Kumitat in kwistjoni li kkonkluda li ż-żewġ każijiet ma jikkostitwux ksur tal-privileġġ għaliex it-tnejn ma kenux rapporti la foloz u lanqas perversi, is-Sedja tħoss li trid tgħaddi għal konsiderazzjoni preliminari li tirrigwarda (a) kif jisa' jitqajjem ksur tal-privileġġ u (b) minn min jista' jitqajjem ksur ta' privileġġ.

F'dan ir-rigward, is-Sedja ħarset lejn l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u lejn l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap 113) u partikolarment lejn l-Ordni Permanenti 36 li tirregola b'mod speċifiku l-mod kif jitressaq ksur ta' privileġġ:

> "36. Mozzjoni dwar kwistjoni ta' privileġġ li tinqala' waqt is-seduta tal-Kamra għandha dritt għall-preċedenza fuq kull xogħol ieħor.

Mozzjoni dwar kwistjoni ta' privileġġ li ma tkunx inqalgħet waqt is-seduta tal-Kamra għandha ssir ma' l-ewwel opportunità u tista' ssir qabel il-bidu ta' xogħol pubbliku."

Dan ifisser li l-Ordnijiet Permanenti jippreskrivu proċedura partikolari u fissa dwar kif issir mozzjoni dwar kwistjoni ta' ksur ta' privilieġġ u hija din il-proċedura li treġi f'kull każ. Din il-proċedura tkopri kull ċirkostanza: u ċioè, kemm meta l-kwistjoni tinqala' in *faciem curiae* u kemm meta ma tinqalax waqt is-seduta tal-Kamra. Din il-proċedura hija speċifika għall-Kamra fil-laqgħat tagħha plenarja u dan jindika ċar li l-Kamra hija l-lok fejn għandha titqajjem materja ta' ksur ta' privileġġ u li din l-istess materja trid titqajjem f'punt speċifiku qabel ma l-Kamra tibda x-xogħol pubbliku tagħha. Jekk dawn il-kondizzjonijiet ma jkunux sodisfatti, din il-kwistjoni ma tkunx tista' titqajjem skond ir-regoli tal-Kamra stess.

Inoltre, fin-natura tiegħu stess, ksur ta' privileġġ huwa dritt personali u jrid jitqajjem fil-Kamra minn dak jew dik li qed jallegaha jew tallegaha u ma jistax jitqajjem minn membru għan-nom ta' membru ieħor jew permezz ta' xi proċedura oħra li mhijiex dik tassattivament stabbilita fl-Ordnijiet Permanenti.

Għaldaqstant it-talbiet għal ksur ta' privileġġ imressqa f'dawn iż-żewġ każijiet ma sarux skond il-proċeduri stabbiliti u ma jistgħux jiġu kkonsidrati u wisq anqas milqugħa mis-Sedja.